**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/17**
**Data:** 27 ta' Lulju 2017
**Ħin:** 6:35pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun

**Preżenti**
Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**
Claude Camilleri - Kunsillier
Joseph Hales - Kunsillier
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

**07.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
**07.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
**07.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**
**07.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**07.05** **Triq Marsaxlokk**
**07.06** **Triq Taltass**
**07.07** **Triq Gwiedi**
**07.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**
**07.09** **Affarijiet oħra**
**07.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | **Informa li Camilleri ma setax jattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol (imejl annessa)** | |
| 07. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | **Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet familjari (imejl annessa)** | |

**07. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 06/17 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 07. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

| 07. | 2. | | | Rapporti mill-Minuti | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 02 | 03 | 06.03.02 | Caruana: BIS San Girgor | Caruana reġa staqsa dwar il-ħmieġ li qed ikun hemm. Is-Segretarju qal li tkellimna mal-Greenpak u ser issir kamera oħra. Qal ukoll li ser issir kollezzjoni addizzjonali tal-iskart li jitħalla maġenb il-BIS. Ġibna 3 kwotazzjonijiet dwar min jista jagħmel dan. Il-*Greenpak* se jerfa dan il-piż mingħajr ħlas. Il-Viċi-Sindku issuġeriet li jsiru 4 lokazzjonijiet flok tmienja pero s-Sindku qal li mhux faċli tibdel il-kuntratt li hemm mal-Greenpak. Il-Kunsill qabel nem.con li din il-ġabra addizzjonali għandha jsir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 02 | 04 | 06.10.06 | Fenech: *Shake It* | Fenech informat lill-Kunsill li l-attivitajiet ġew posposti minħabba li kien hemm tibdil f'V18 u awgurat lil Catherine Tabone. | Fenech |
| 07 | 02 | 05 | 06.10.13 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Inbid | Chircop qal li kien hemm parteċipazzjoni tajba fil-kompetizzjoni fejn ipparteċipaw 44 fi tlett katergoriji. | Chircop |
| 07 | 02 | 06 | 06.10.14 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Arti | Chircop qal li ħadu sehem 140 tpinġija minn tfal tas-South u ġew eżebiti waqt Arti fil-Beraħ. Ir-rebbieħ kien Mikael Pace. | Chircop |
| 07 | 02 | 07 | 06.10.16 | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop qal li sar il-kors tal-inbid fuq tlett lezzjonijiet u attendew għalih 40 ruħ u rringrazzja lil Carmel Borg mill-Għaqda Għassara tal-Inbid li joffru l-kors b'xejn. | Chircop |
| 07 | 02 | 08 | 06.10.18 | Caruana: Dawl fi Triq Xrobb l-Għaġin | Caruana staqsa jekk hux ser jiżdiedu il-bozoz fi Triq Xrobb l-Għaġin. Is-Sindku qal li l-pjan huwa li meta jsir ir-re-surfacing, l-arbli se jiċċaqalqu għan naħa l-oħra tat-triq u jiżdiedu l-bozoz fejn hemm bżonn. Ġa saret komunikazzjoni mal-Enemalta u GO dwar dan. | Sindku |
| 07 | 02 | 09 | 06.10.20 | Agius: Laqgħat mal-MPs | Agius staqsiet dwar il-laqgħat u s-Segretarju Eżekuttiv qal li rċevejna korrispondenza mingħand Silvio Parnis u għad trid tiġi ffisata data biex issir laqgħa miegħu. | Agius |
| 07 | 02 | 10 | 06.10.21 | Agius: Għanafest | Agius qalet li għandna nirringrazzjaw lill-*Arts Council* u għandna niktbulom sabiex jerġgħu jikkunsidraw iż-Żejtun għas-sena d-dieħla. | Agius |
| 07 | 02 | 11 | 06.10.25 | Caruana: Triq Dun Lawrenz Degabriele | Caruana staqsa dwar il-periklu li jeżisti fuq iz-*zebra crossing* f'din it-triq. Is-Sindku qali li din saret fejn qaltilna TM. Qal li ser niktbu lil-TM sabiex tikkonsidra li tiġi rilokata. | Hales |
| 07 | 02 | 12 | 06.10.28 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li l-attivitajiet li kellha ppjanati ġew imħassra minħabba raġunijiet familjari. | Viċi-Sindku |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/17. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 03 | 01 | 02 | DLG: *Wifi4EU* | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill applika għal dawn iż-żoni sabiex isir servizz tal-*Wifi,* Misraħ Wistin Abela, Misraħ ir-Reppublika, Ġnien Brejġu u Ġnien il-Qawsalla. Fenech staqsiet nistgħux inġibu statistika dwar min juża l-*Wifi* | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 03 | 02 | | Bin tal-ħwejjeġ | Il-Kunsill qabel nem.con li dan il-*bin* tal-ħwejjeġ għandu jinġieb bi prova għal xahar | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 03 | 03 | 22 | Memorandum of Understanding: SOS Malta/Core Platform | Il-Kunsill fuq proposta ta' Caruana u sekondata minn Agius, qabel nem.con li għandna nieħdu sehem pero l-Kunsill ma jistax jerfa iktar xogħol u spejjes. | Sindku |
| 07 | 03 | 04 | | Segretarju Eżekuttiv: Tabelli | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza li kumpanija li kienet tbiegħ it-tabelli tat-toroq sabet xi stock li trid tbiegħu bi prezz ta' €150. Il-Kunsill qabel nem.con li dawn għandhom jinxtraw. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**07. 5. Triq Marsaxlokk**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 05 01 | | Sindku | Is-Sindku qal li x-xogħol miexi, l-*main* tpoġġa u s-servizzi tad-djar tlestew ukoll, dalwaqt jingħata l-wiċċ tat-triq. | Sindku |

**07. 6. Triq Taltass**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 06 01 | | Sindku | Is-Sindku qal li qed nistennew li jinħareġ it-tender biex jibda x-xogħol fuq din it-triq | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 7. Triq Gwiedi**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 07 01 | | | | |

**07. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 08 01 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | *Petty Cash* - Ġunju 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €59.16. | Segretarju Eżekuttiv |

**07 9 Affarijiet oħra**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 9 01 | | Chircop: *Prospectus* | Chircop qal li bħalissa għandna l-prospectus tal-iskejjel tal-post-sekondarja u did-darba ħadna ħsieb li jiġu tal-Universita' wkoll | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 9 | 02 | Chicop: Skart | Chircop qal li hemm problema li qed jaqa l-iskart u jitħalla mal-art mill-kolletturi. Ser jiġi infurmat il-kunsillier inkarigat dwar dan. | Hales |
| 07 | 9 | 03 | Chircop: Bankijiet imkissra | Chircop irrimarka li fi Ġnien iċ-Ċrieki hemm bankijiet imkissra u tajjeb li jsir manutenzzjoni tagħhom. | Sindku |
| 07 | 9 | 04 | Caruana: *Bins* tal-klieb | Caruana qal li hemm bżonn isiru l-*bins* madwar id-dawra kollha tal-Iskola Sekondarja kif ukoll fi Triq Toni Zahra. | Hales |
| 07 | 9 | 05 | Caruana: Problema fi Triq il-Lvant | Caruana qal li meta saret it-triq instaddt d-drenaġġ ta' wieħed mir-residenti li joqgħod numru 11. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għandu jiġi spezzjonat biex naraw x'hemm bżonn isir. | Sindku |
| 07 | 9 | 06 | Agius: Boroż ħodor | Agius qalet li l-boroż ħodor tqassmu pero hemm nuqqas ta' boroż u jrid jiżdied l-ammont li jtuna l-Greenpak. | Agius |
| 07 | 9 | 07 | Agius: Festa Sajf | Agius informat lill-Kunsill li ser issir Festa Sajf, il-Ġimgħa, 4 ta' Awwissu. | Agius |
| 07 | 9 | 08 | Agius: Kids Club | Agius qalet li l-attivitajiet tal-Kids Club għaddejjien. | Agius |
| 07 | 9 | 09 | Agius: Ġurnata Kemmuna | Agius informat lill-Kunsill li ser issir l-attivita' fis-26 ta' Awwissu. | Agius |
| 07 | 9 | 10 | Agius: *First Aid Course* | Agius qalet li sar First Aid Course għal carers u kien suċċess | Agius |
| 07 | 9 | 11 | Viċi-Sindku: *Compactor* | Il-Viċi-Sindku staqsiet fejn wasalna għal compactor. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed niġbru kwotazzjonijiet | Segretarju Eżekuttiv |
| **07** | **10** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-20:40pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Joe Attard

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv